ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) IL-ĦIN: 15-il minuta

Il-Karta tal-Għalliema

(din il-karta m'għandha qatt tingħata lill-istudenti)

Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ f'każ li jintuża dan l-iskritt

1. L-għalliema li se jmexxu l-eżami tas-smigħ jgħidu lill-istudenti: ***"Il-ħin għall-eżami tal-kitba għadda. Ser ngħaddu issa għall-eżami tal-fehim mis-smigħ. Jekk jogħġobkom sibu paġna 12 tal-karta tal-eżami."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti kollha sabu l-paġna mitluba, jgħidulhom: ***"Għandkom ftit ħin biex taraw l-eżerċizzji kollha li tridu taħdmu."***

3. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se tisimgħu l-ewwel parti tas-silta għall-ewwel darba. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu twieġbu Taħriġ A u tieħdu xi noti li jistgħu jgħinukom."*** L-għalliema jaqraw is-silta b'ritmu meqjus.

4. Wara li tinqara s-silta, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: "***Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu Taħriġ A."***

5. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se terġgħu tisimgħu l-ewwel parti tas-silta. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu tkomplu twieġbu l-mistoqsijiet."*** L-għalliema jaqraw is-silta b'ritmu meqjus.

6. Kif l-għalliema jtemmu l-qari jgħidu lill-istudenti: ***"Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu l-eżerċizzji skont is-silta li smajtu."***

7. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se tisimgħu t-tieni parti tas-silta għall-ewwel darba. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu twieġbu l-mistoqsijiet ta' Taħriġ B u tieħdu xi noti li jistgħu jgħinukom."***

8. Wara li tinqara s-silta, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: "***Issa għandkom ftit ħin biex taħdmu Taħriġ B."***

9. Wara *2 minuti* l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***"Issa se terġgħu tisimgħu t-tieni parti tas-silta. Waqt li qed tisimgħuha tistgħu tkomplu twieġbu l-mistoqsijiet."*** L-għalliema jaqraw is-silta b'ritmu meqjus.

10. Kif l-għalliema jtemmu l-qari tas-silta jagħtu *2 minuti* lill-istudenti biex jaħdmu t-taħriġ u kif jgħaddi l-ħin jgħidu: ***"Issa baqgħalkom ftit ħin biex tlestu u tirrevedu l-eżerċizzji kollha tal-eżami tal-fehim mis-smigħ. Grazzi."***

Is-Silta għall-Fehim mis-Smigħ: Pietru l-fenek

L-Ewwel Parti:

Pietru l-fenek kellu tliet ħutu bniet. L-għors ta' dawn il-fniek kien li jaqbdu ma' Girgor, ġardinar, u jippruvaw jisirqu l-ħaxix li kien ikabbar. Girgor kien ikabbar ħafna ħaxix fosthom tadam, karrotti, basal u patata. Il-fniek kienu ħbieb kbar ta' Bea, il-ġara tal-ġardinar, li kienet tgħaddi ħafna ħin tpitter kwadri ta' fniek u tan-natura sabiħa ta' madwarha.

Jum wieħed, Pietru l-fenek ħalla l-ġakketta tiegħu fil-ġnien ta' Girgor. Kif mar biex iġibha lura, Girgor jaqbdu f'nassa u waqa' taħt difrejh. Iżda ġara li Girgor tah attakk tal-qalb u miet. Pietru ħarab min-nassa u mar jiġri qalb l-għelieqi biex jiltaqa' ma' sħabu l-annimali. Pietru kellu stonku xieref u stieden lill-annimali kollha biex imorru miegħu jiċċelebraw fid-dar vojta ta' Girgor.

✖✖✖

It-Tieni Parti:

Tumas, in-neputi ta' Girgor li kien jaħdem f'ħanut tal-ġugarelli fi stabbiliment ta' ħwienet kien qed jistenna bil-ħerqa biex jieħu promozzjoni għax-xogħol. Fuq ix-xogħol Tumas kien fuq wiċċ l-idejn. Għodwa waħda meta ġie msejjaħ fl-uffiċċju tal-maniġer, ħaseb li ser jingħata l-aħbar li tant kien jistenna, iżda minflok ingħata l-aħbar tal-mewt ta' zijuh. Tumas baqa' b'xiber imnieħer u tant irrabja li beda jaqleb kull mejda li sab quddiemu u spiċċa mkeċċi minn fuq ix-xogħol. Ftit jiem wara, Tumas irċieva l-aħbar li kien wiret il-proprjetà ta' zijuh li kienet tiswa kemxa mhux ħażin. Għalhekk iddeċieda li jirranġaha biex ibigħha biex imbagħad bil-flus li jdaħħal jiftaħ negozju tal-ġugarelli qrib l-istabbiliment fejn kien jaħdem, biex jisfidahom.

Meta Tumas żar id-dar ta' zijuh isib diżastru kbir li kienu għamlu l-annimali ħbieb ta' Pietru. Tumas tatu rasu u ħalef li joqtol il-fniek. Malajr tella' ħajt għoli li żgur il-fniek ma jaqbżux u rranġa r-rixtelli li jdawru l-ġnien. Tumas ma damx ma ltaqa' ma' Bea, il-ġara, u t-tnejn saru jħobbu lil xulxin. Għalkemm ir-rabja ta' Tumas lejn il-fniek baqgħet għal ħafna snin, fl-aħħar kellu jbaxxi rasu. Tumas spiċċa jirrispetta l-annimali kollha tal-madwar bħalma kienet tagħmel Bea.

TMIEM IL-KARTA